DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR202312** **19.11.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTRU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Jibdew id-diskussjonijiet sabiex Malta timplimenta d-direttiva tal-UE fuq il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. Enfasi fuq responsabbiltà maqsuma bejn il-koppja fit-trobbija tat-tfal.***

**Diskussjoni pubblika miIl-MEUSAC bit-tema; Il-bniedem għax-xogħol? Jew ix-xogħol għal bniedem?**

Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru beda diskussjonijiet sabiex Malta timplimenta d-direttiva tal-Unjoni Ewropea li titratta l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. Id-direttiva trid tidħol fis-seħħ f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea sal-bidu ta' Awwissu 2022 u fix-xhur li ġejjin se naħdmu ħalli jsiru l-preparamenti meħtieġa. Id-diskussjonijiet qed jitmexxew mid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg.

Il-Ministru Carmelo Abela, responsabbli mid-djalogu soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, qal dan waqt li kien qed jindirizza waħda mis-sensiela ta' laqgħat pubbliċi li qegħdin jiġu organizzati mill-MEUSAC dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea. It-tema ta' din id-diskussjoni pubblika kienet 'Il-bniedem għax-xogħol jew ix-xogħol għall-bniedem?'.

Il-Ministru qal li din id-direttiva tal-Unjoni Ewropea se titratta fost l-oħrajn l-estensjoni tal-maternal u l-paternal leave. Qal li din id-direttiva se tara li jiżdiedu n-numru ta' sigħat ta' paternal leave minn dawk preżenti, hekk kif numru stabbilit ta' sigħat ser ikun mandatorju li jingħataw f'forma ta' paternal leave u mhux se jippermetti li jkun hemm trasferiment sħiħ ta' dawn is-sigħat bejn il-ġenituri. Il-Ministru enfasizza li l-pożizzjoni tal-gvern ser tkun dik li tinkoraġixxi responsabbiltà maqsuma bejn il-koppja fit-trobbija tat-tfal.

Waqt id-diskussjoni, ġiet indirizzata t-tema tal-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol. Hawn, hu nnota li r-rata tan-nisa Maltin fid-dinja tax-xogħol hija ogħla mir-rata medja tal-Unjoni Ewropea. Hawn, huwa rrefera għall-qabża sostanzjali li saret l-aħħar sitt snin, hekk kif it-tieni kwart tas-sena 2020 il-persentaġġ kien ta' 63.6% fejn tidħol il-parteċipazzjoni tal-mara fis-suq tax-xogħol, meta mqabbla ma' 50.5% fl-ewwel kwart tal-2014.

Fi kliem il-Ministru Abela, fejn tidħol il-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol u l-kwistjoni tat-trobbija tat-tfal, hemm bżonn ta' bidla fil-mentalità u bidla fil-lingwaċċ użat sabiex żgur ma jkunx hemm impatt fuq il-karriera tal-mara, sempliċiment għaliex hi mara. Dan filwaqt li jibqa' r-rispett lejn dawk in-nisa li jridu jibqgħu d-dar. Huwa rrefera għan-numru ta' inizjattivi li ħa l-gvern fl-aħħar snin sabiex anke jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol, fosthom id-dħul ta' childcare b'xejn.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Fid-diskussjoni pparteċipaw Diane Vella Muscat, DĠ fid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg-Xogħol, u l-Professur Godfrey Baldacchino mill-Università ta' Malta. Kien hemm ukoll interventi mis-Sur Jesmond Marshall mill-GWU u minn Dr Anna Borg li hija senior lecturer fl-Università ta' Malta.